DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1549

tat-22 ta' Ottubru 2020

li tħassar id-Deċiżjoni 2004/200/KE fuq miżuri li ma jkunux ħallew l-introduzzjoni u l-firxa fi ħdan il-Komunità tal-virus Pepino mosaic

(notifikata bid-dokument C(2020) 7139)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30(1) u 37(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/200/KE [2] tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus Pepino mosaic fuq iż-żrieragħ tat-tadam, *Lycopersicon lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw. Tali miżuri ma japplikawx għaż-żrieragħ destinati għall-konsumatur finali.

(2) Il-pest ma kienx elenkat fl-Anness I jew II tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE [3] u kien soġġett biss għar-rekwiżiti speċifiċi tad-Deċiżjoni 2004/200/KE.

(3) Wara rivalutazzjoni tal-istatus fitosanitarju tiegħu, dak il-pest ġie inkluż fil-Parti F tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 [4] li jelenka l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pjanti speċifiċi għat-tħawwil, bil-kategoriji u l-limiti stabbiliti rispettivi għaż-żerriegħa tal-ħxejjex ikkonċernata. Ġie soġġett ukoll għall-miżuri stabbiliti fil-Parti E tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2004/200/KE hija skaduta u jenħtieġ li titħassar.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/200/KE titħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

---

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/200/KE tas-27 ta' Frar 2004 fuq miżuri li ma jkunux ħallew l-introduzzjoni u l-firxa fi ħdan il-Komunità tal-virus Pepino mosaic (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 43).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni